**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum għaxra (10) ta' Mejju 2024

Kawża Nru 1493/2024

**Il-Pulizija**
***(Spettur Rachel Aquilina)***

Vs

**Stephanos Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Stephanos Cutajar**, iben Odette Cutajar, imwieled Pieta, fis-sittax (16) ta' Awissu 1996 u residenti numru 7, "Nashville", Triq Rużar Briffa, Pembroke, Malta detentur tal-karta tal-identita numru 349396(M) talli fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Diċembru 2023 għall-ħabta tad-disgħa u ħames minuti ta' filgħaxija (21.05hrs) fi Triq l-Imqabba, Mqabba:

(1) saq vettura bin-numru BCM 191 b'manjiera perikoluża;[1]

(2) saq vettura bin-numru BCM 191 bi speed eċċessiv;[2]

(3) saq vettura bin-numru BCM 191 mhux fuq in-naħa tax-xellug tat-triq;[3]

(4) waqt li kien qed isuq vettura BCM 191 naqas li jeżerċita l-kura u attenzjoni xierqa u li turi l-intenzjoni tiegħu u jagħmel sinjal bid-dawl tal-indikatur tat-traffiku meta sejjer ibiddel id-direzzjoni tiegħu jew jaqbeż vettura oħra;[4]

(5) waqt li kien qed isuq vettura BCM 191 qasam il-linja bajda kontinwa;[5]

(6) waqt li kien qed isuq jew kellu fil-kontroll tiegħu vettura numru BCM 191 f'kull waqt naqas li jobdi minnufih kull ordni, indikazzjoni jew sinjal mogħti jew magħmul mill-Pulizija għalbiex jitmexxa t-traffiku jew għal kull raġuni oħra fit-twettiq ta' dmirijietu.[6]

---

[1] Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65
[2] Regolament 127 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11
[3] Regolament 75 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11
[4] Regolament 75 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11
[5] Taqsima 2, Art. 111(A)(i) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05
[6] Regolament 124(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tiġi skwalifikata mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għall-perijodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat l-affidavits u d-dokumenti kollha preżentati mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet ix-xhieda prodotti;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Diċembru 2023 il-Pulizija kienet qed tagħmel ronda bil-vettura tas-servizz fl-inħawi ta' Triq l-Imqabba, Imqabba. Waqt li kienu għaddejjin minn din l-istess triq, il-Pulizija innutaw vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BCM 191 li għamlet overtaking illegali biex taqbeż erba' vetturi oħra. Tul din il-manuvra l-istess vettura qabżet wkoll il-linja bajda kontinwa.

Il-Pulizija li kien qed isuq il-vettura tas-servizz PS 508 Aidan Gatt għafas il-break tal-vettura biex jevita kolliżżjoni mal-vettura BCM 191 li kienet ġejja fil-karreġġjata tiegħu mid-direzzjoni opposta. Il-vettura BCM 191 immanuvrat lura f'postha bi speed qawwi u kompliet tinstaq fid-direzzjoni tal-ajruport. Il-Pulizija kompliet issegwi din il-vettura bis-

sireni u d-dwal blu mixgħula iżda minħabba l-veloċita qawwija ta' din il-vettura, il-Pulizja ma rnexxilhiex tilħaq din il-vettura.

Il-Pulizija għamlet kuntatt ma' sid il-vettura Albert Cutajar fejn dan informa lill-Pulizija li l-vettura kien jagħmel użu minnha n-neputi tiegħu Stephanos Cutajar. Albert Cutajar ġie ordnat jagħmel kuntatt man-neputi tiegħu biex dan jirraporta ta' Kandja fis-Siġġiewi biex jiġi mitkellem.

Aktar tard Stephanos Cutajar mar ġewwa ta' Kandja fejn ġie mogħti d-drittijiet legali tiegħu. Il-Pulizija għarfet lil Stephanos Cutajar bħala l-persuna li kienet qed tagħmel użu mill-vettura waqt il-ħin tal-inċident. Huwa ġie infurmat li kienu sejrin jinħarġu akkużi fil-konfront tiegħu.

Ikkunsidrat;

Skont kif spjegat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ***Il-Pulizija vs Alfred Mifsud***,[7] sewqan perikoluż huwa ikkunsidrat bħala sewqan li jkun ta' perikolu għal terzi jew għall-propjeta tagħhom. Biex wieħed jiddetermina jekk fil-verita kienx hemm dan il-perikolu, huwa importanti li wieħed jeżamina ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż il-ħin u l-lokalita tal-inċident kif wkoll il-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel. Mill-provi prodotti – senjatament l-affidavit ta' PS 508 Aidan Gatt – huwa evidenti għall-Qorti li s-sewqan tal-akkużat

[7] Deċiża fis-6 ta' Mejju 1997.

jinkwadra perfettament taħt dan it-tip ta' sewqan. PS 508 fl-affidavit tiegħu jispjega kif il-vettura in kwistjoni misjuqa mill-akkużat għamlet overtaking ta' erba' (4) vetturi f'kolp. Sabiex tagħmel din il-manuvra, l-istess vettura qabżet il-linja bajda kontinwa u daħlet fil-karreġġjata li minnha kien ġej it-traffiku mid-direzzjoni opposta. Saħansitra l-istess PS 508 jixhed li din il-vettura kienet kważi baqgħet dieħla fil-vettura tal-Pulizija li kienet ġejja mid-direzzjoni opposta. Din il-ħaġa ma seħħitx għaliex il-Pulizija għamel manuvra evasiva u għafas il-break biex jevita l-kolliżżjoni. Infatti in kontro-eżami l-istess uffiċjal tal-Pulizija jistqarr li *"hu (b'riferenza għall-akkużat) kien ser itajjar lili overtaking f'Imqabba Road, Imqabba".*[8] PS 508 Aidan Gatt jixhed wkoll kif il-vettura kienet qed tinstaq b'velocita qawwija ħafna tant li l-vettura tal-Pulizija ma setgħetx tlaħħaq ma' din il-vettura, punt li l-istess Pulizija jerġa' jikkonfermah wkoll in kontro-eżami.

Id-difiża tipprova iddaħħal dubju dwar l-identita tas-sewwieq. Targumenta li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex iġġib prova tal-identita tas-sewwieq. Id-difiża pero mhux korretta f'dan l-argument tagħha. PS 508 jispjega kif huwa kien rnexxielu jara l-persuna li kien qed isuq il-vettura BCM 191 għaliex f'punt minnhom il-vetturi ġew quddiem xulxin. Sussegwentement wkoll l-istess xufier mar fil-kumpelss ta' Kandja fis-Siġġiewi fejn l-istess PS 508 Aidan Gatt li kien qed isuq il-vettura tal-Pulizija għaraf lill-akkużat bħala l-istess persuna li kien qed isuq il-vettura BCM 191. Infatti fl-affidavit tiegħu PS 508 jistqarr mingħajr

[8] Ara xhieda in kontro-eżami ta' PS 508 Aidan Gatt mogħtija fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2024.

tlaqlieq: *"Jiena PS 508 għaraft li Stephanos kien l-istess persuna li kien qiegħed jagħmel użu mill-vettura imsemmija fil-ħin tal-inċident."*[9] Tali dikjarazzjoni flimkien mal-fatt li l-istess Pulizija ikkonferma in kontro-eżami li f'ħin minnhom ix-xufier tal-vettura BCM 191 ġie quddiemu bil-vettura u għalhekk seta' jistabilixxi bil-preċiż min kien qed isuq din il-vettura jneħħi kwalsiasi dubju rigward l-identita tas-sewwieq.

Għar-rigward l-akkużi l-oħra kollha[10] dawn wkoll irriżultaw mix-xhieda tal-istess PS 508 Aidan Gatt:

(a) il-vettura BCM 191 kienet qed tinstaq mill-akkużat bi speed eċċessiv tant li l-istess vettura tal-Pulizija lanqas ma setgħet tilħaq magħha;

(b) l-akkużat saq wkoll fuq in-naħa ħażina tat-triq għal ċertu tul ta' ħin b'mod li saħansitra kien se jikkawża inċident stradali. Infatti kien sei jaħbat mal-vettura tal-Pulizija li kienet għaddejja fil-karreġġjata propja tagħha u li kienet ġejja mid-direzzjoni opposta;

(c) l-akkużat naqas li jagħmel sinjali adegwati biex juri l-intenzjoni tiegħu li kien se jagħmel *overtaking* ta' vetturi. Anzi huwa ċar mid-deskrizzjoni tas-sewqan tiegħu mogħtija mill-Pulizija li huwa

[9] Ara affidavit esebit bħala Dokument A fis-seduta tal-ħamsa (5) ta' April 2024.
[10] Ir-riferenza hija għat-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-ħames (5) u s-sitt (6) akkuża.

kien qed jagħmel manuvri azzardati mingħajr ma jagħti pre-avviż ta’ xejn permezz tal-indicator tal-vettura;

(d) irriżulta wkoll mill-affidavit ta’ PS 508 Aidan Gatt li l-akkużat biex għamel il-manuvra ta’ *overtaking* qabeż il-linja bajda kontinwa u anke daħal fil-karreġġjata opposta kif ġia senjalat;

(e) l-akkużat injora wkoll l-indikazzjonijiet li tawh il-Pulizija bis-sirena u bid-dawl il-blu sabiex jieqaf. Minflok aktar żied il-veloċita tal-vettura tiegħu biex jaħrab lill-Pulizija, tant li l-Pulizija ma rnexxilhomx ilaħħqu miegħu.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikoli 15(1)(a), 15(2) u 55 tal-Kap. 65, ir-regolamenti 75, 124(1) u 127 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 u t-Taqsima 2, regolament 111(A)(i) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05 qed issib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha dedotti fil-konfront tiegħu.

Għar-rigward l-ewwel (1) akkuża l-Qorti qed tikkundannah għall-ħlas ta’ multa ta’ seba’ mitt ewro (€ 700) filwaqt li fir-rigward tal-akkużi l-oħra kollha qed tikkundannah għall-ħlas ta’ ammenda komplessiva ta’ mitt ewro (€ 100).

Finalment il-Qorti qed tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni liċenzja għall-perijodu ta' erba' (4) xhur mil-lum.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**